9 ta' Novembru, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Carmelo Farrugia

## Proċess Verbal — Inkjesta — Aċċess — Xhieda — Responsabilità Kriminali — Negliġenza — Kolpa — "Geyser" — "Flue Pipe" — Appalt — Art. 544 u 642 tal-Kodiċi Kriminali

***Proċess verbal magħmul regolarment jista' jingħata bħala prova fis-smiegħ tal-kawża, mingħajr ma jkun jeħtieġ li jinstemgħu x-xhieda, il-periti, jew persuni oħra, li jkunu dehru fl-aċċess; u l-liġi, fil-waqt li tippreskrvi li x-xhieda għandhom jinstemgħu "viva voce", tagħmel xi eċċezzjonijiet għal din ir-regola, fosthom appuntu dik tal-proċess verbal fuq imsemmi. S'intendi, tant il-Prosekuzzjoni kemm id-Difiża jistgħu jitolbu li jinġieb ix-xhud biex jinstema' "viva voce"; u fil-prattika jsir, u hu deżiderabbli li jibqa' jsir, li x-xhieda tal-aċċess u tal-inkjesta jerġgħu jinstemgħu biex jixhdu "viva voce", biex jikkonfermaw ix-xhieda tagħhom u jiġu, jekk ikun il-każ, ulterjorment eżaminati u kontro-eżaminati. Għaldaqstant, meta ma tkunx saret talba simili, mhix attendibbli l-eċċezzjoni tad-difiża fis-sens illi d-depożizzjoni ta' xhud li xehed fl-inkjesta regolarment magħmula ma għandhiex titqies għax***

*dak ix-xhud ma ġiex riprodott fil-kumpilazzjoni li saret kontra l-imputat.*

*Jekk fl-installazzjoni ta' "geyser" tal-gas titħalla barra l-"flue pipe", u dan in-nuqqas iġib xi konsegwenzi, l-imputat li għamel dik l-installazzjoni u li jiġi mputat li, minħabba nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tiegħu, u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, ikkaġuna dawk il-konsegwenzi, ma jistgħax jallega li f'ħafna każijiet oħra l-"flue pipe" ma saretx. Dan il-fatt ma jistgħax jiskrimina lil dak l-imputat, imma jista' biss iservi ta' twissija lil min ma għandux "flue pipe" mal-"geyser" biex ifittex jagħmilha, biex jevita dawk il-konsegwenzi.*

*Lanqas tiswa l-allegazzjoni ta' dak l-imputat li hu kellu biss l-inkariku li jinstalla l-"geyser"; għax meta wieħed jimpjega bniedem tas-sengħa biex jagħmillu ċertu xogħol, hu jkun qiegħed jaffida ruħu għall-kapaċità tiegħu, u hemm kondizzjoni impliċita li x-xogħol isir kif għandu jsir, ċjoè skond is-sengħa u b'mod li ma jagħmelx ħsara. Il-fatt li l-kommittent ma qallux biex jagħmel il-"flue pipe" ma jfisser xejn; għax x'għandu jagħmel jew ma jagħmelx hija ħaġa li għandu jaraha min jippreżenta ruħu bħala espert biex jagħmel xi ħaġa li tirrikjedi xogħol tekniku. Anzi, kieku l-kommittent għamillu xi limitazzjoni, fis-sens li jagħmel "geyser" bla "flue pipe", u jekk is-sia jinsisti, l-imgħallem għandu ma jinkarika ruħu xejn affattu.*

*Il-massima "volenti et consentienti non fit injuria" tapplika meta bniedem ikun konxju minn perikolu u ntant iqiegħed ruħu fih; għaldaqstant, min jagħmel użu minn "geyser" meta ma għandux raġunijiet biex jissuspetta li l-"geyser" mhux installat kif imissu jkun, ma jkunx qiegħed ipoġġi ruħu fil-perikolu, avvolja mal-"geyser" ikun hemm imwaħħlin istruzzjonijiet fis-sens li l-"geyser" għandu jkun provvdut bil-"flue pipe", u fil-fatt din il-"flue pipe" ma tkunx hemm.*

*Lanqas tiswa l-allegazzjoni tal-imputat, biex jiskolpa ruħu, illi l-"flue pipe" issir mhux minnu, imma minn bniedem ta' sengħa oħra; għax l-inkariku tiegħu kien li jikkolloka "geyser" skond is-sengħa, u kwindi kellu anki jieħu ħsieb li jagħmel il-"flue pipe", sija jekk jagħmilha huwa stess, sija jekk jordnaha għand ħadd ieħor.*

*Hu veru li għandu jkun hemm distinzjoni fil-grad ta' negliġenza li teħtieġ biex tista' tiġi addebitata l-kolpa fiċ-ċivil u fil-kriminal; u għall-imputabbilità kriminali jeħtieġ grad akbar ta' kolpa minn dak li jġib ir-responsabilità ċivili għad-danni. Imma meta bniedem tas-sengħa jikkolloka apparat li fih ikun hemm perikolu potenzjali fin-nuqqas ta' ċerti kawteli, u bħala bniedem tas-sengħa kien hu li kellu jara li dawk il-kawteli jkunu hemm biex jovvjaw dan il-perikolu, u dawn il-kawteli ma jkunux hemm, huwa juri grad ta' negliġenza li jikkostitwixxi dik ir-"recklessness' li tammonta għal "criminal misconduct", u tirrendieh responsabbli kriminalment għall-konsegwenzi.*

Il-Qorti; — Rat ir-rinviju tal-Attorney General tal-14 ta' Ġunju 1957, tal-attijiet tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet fuq imsemmija, sabiex il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tiddeċidi bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali dwar l-imputazzjoni talli f'dawn l-aħħar erbgħa snin, fil-kwalità tiegħu ta' mgħallem tal-elettriku, ilma u gas, l-imputat qiegħed jew ġiegħel lil min iqiegħed, "geyser" li jaħdem bil-gas fil-kamra tal-banju tal-post numru 15, Flat 1, Graham Street, tas-Sliema, mhux skond is-sengħa u kuntrarjament għall-istruzzjonijiet li hemm mal-istess "geyser", u ċjoè mingħajr il-ventilazzjoni meħtieġa u mingħajr ma l-"geyser" kellu kommunikazzjoni għal barra; u għalhekk, minħabba n-nuqqas ta' ħsieb tiegħu, u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, ikkaġuna l-mewt ta' Audrey Lilian Ditchburn, f'xi ħin matul id-disgħa jew l-għaxar jum tax-xahar ta' April 1957;

Rat l-attijiet tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet fuq imsemmija;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-ewwel ta' Awissu 1957, li biha sabet lill-imputat ħati fit-termini tal-imputazzjoni, iżda, mħabba fil-kondotta tajba tiegħu preċedenti u ċ-ċirkustanzi l-oħra tal-każ, speċjalment dawk imsemmijin fl-aħħar konsiderand tas-sentenza, illiberatu taħt id-dispożizzjonijiet tal-art. 23 tal-Liġijiet Kriminali;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella, u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata u li hu jiġi assolt;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Id-difiża osservat li x-xhieda ta' John Ross Ditchburn, li hemm fil-fol. 19, ma għandhiex titqies, għax dak ix-xhud xehed fl-inkjesta, u ma ġiex riprodott fil-kumpilazzjoni li saret kontra l-appellant. Il-Qorti tirrileva li dik ix-xhieda hija parti mill-inkjesta li żamm il-Maġistrat "dwar dan il-każ", u għalhekk japplika l-art. 544 Kap. 12, li jgħid li l-proċess verbal magħmul regolarment (u f'dan il-każ ma hemmx kwistjoni li ġie magħmul regolarment) jista' jingħata bħala prova fis-smiegħ tal-kawża mingħajr ma jkun jeħtieġ li jinstemgħu x-xhieda, il-periti jew persuni oħra li jkunu deħru fl-aċċess. L-art. 642 ibidem jippreskrivi li x-xhieda għandhom jiġu mismugħa fil-Qorti u "viva voce", salvi però l-eċċezzjonijiet li hemm f'dak l-artikolu stess; u fost dawk l-eċċezzjonijiet hemm appuntu, fir-raba' subartikolu ta' dak l-artikolu, riferenza għall-art. 544 fuq imsemmi Fil-kawża "Rex vs. Borg", 18 ta' Diċembru 1942, il-każ kien divers; għax il-Prosekuzzjoni riedet tipproduċi proċess verbali ta' "kawża oħra". S'intendi, tant il-Prosekuzzjoni kemm id-difiża jistgħu, skond il-liġi (art. 544(2) ibidem), jitolbu li jinġieb ix-xhud biex jixhed "viva voce"; u fil-prattika jsir, u hu deżiderabbli li jibqa' jsir, li x-xhieda tal-aċċess u tal-inkjesta jerġgħu jinġiebu biex jixhdu "viva voce", biex jikkonfermaw ix-xhieda tagħhom u jiġu, jekk ikun il-każ, ulterjorment eżaminati u kontro-eżaminati. F'dan il-każ ix-xhud fuq imsemmi, kif jidher mix-xhieda tal-Ispettur Aurelio Caruana fol. 36, kien imsiefer meta saret il-kumpilazzjoni kontra l-appellant. Id-difiża, la f'dawk il-proċeduri, u anqas issa, fl-appell, ma talbet li jinstemgħa dak ix-xhud per mezz ta' ittri rogatorjali;

Ikkunsidrat;

Mill-provi deher għas-sodisfazzjoni tal-Qorti illi:—

1. Fl-10 ta' April 1957, John Ross Ditchburn sab lill-ommu, Audrey Lilian Ditchburn, mejta fil-banju, li kien mimli bl-ilma, tal-flat no. 1, tal-block ta' flats no. 15 Graham Street, tas-Sliema;

2. Kif irrelataw it-tobba, il-kawża tal-mewt kienet avvelenament bil-"protossido di carbonio", ċjoè "carbon monoxide";

3. Fil-kamra tal-banju kien hemm "geyser", kostruwit għall-"butan gas", li kien ġie nstallat mill-appellant per mezz ta' lavranti tiegħu;

4. Dan il-"geyser" ma kellux "flue pipe" kif kellu jkollu;

5. Minħabba fin-nuqqas ta' dan il-"flue pipe", l-użu tal-"geyser" jipproduċi fil-kamra proporzjoni qawwija ta' "carbon monoxide", li tista' tikkaġuna l-mewt;

Id-difiża adduċiet dawn il-mezzi biex tiskaġuna lill-appellant:—

1. Illi seta' kien hemm "leakage" ta' xi gas ieħor, u mhux tal-"geyser";

2. F'ħafna każijiet ma ssirx "flue pipe";

3. L-inkariku tal-appellant kien dak biss li jinstalla l-"geyser";

4. Mal-"geyser" kien hemm imwaħħlin l-"instructions" għall-użu tiegħu;

5. Is-sid tal-post kien jaf b'dawn l-"instructions";

6. Il-"flue pipes" jiġu magħmula minn landier, u mhux mill-"plumber";

7. Se, maj, hemm kolpa ċivili, u mhux kriminali;

Kwantu għall-ewwel (1) motiv;

Ma ġie bl-ebda mod pruvat, anzi ġie eskluż mit-tekniku, fol. 30, li kien hemm xi "leakage" miċ-ċilindru tal-"butan gas", jew mill-valve. Però,ankorkè kien hemm, din il-"leakage" ma setgħet qatt tipproduċi il-"carbon monoxide" li kkaġuna l-mewt ta' Audrey Ditchburn; għax il-butan gas, meta ma hux mixgħul, kif deher mir-rapport tal-esperti li nnominat din il-Qorti, ma jipproduċix "carbon monoxide". Meta l-"geyser" jiġi mixgħul, allura, sija jekk ikun il-gas ordinarju ("town-gas" jew "coal-gas"), sija jekk ikun "butan gas", l-istess jiġi prodott il-"carbon monoxide", tant minn wieħed kemm mill-ieħor, jekk ma jkunx hemm il-"flue pipe"; għax allura l-fjamma tal-gas mixgħul malajr teżawrixxi l-"oxygen" li jkun hemm fil-kamra, u l-kamra tintela bir-riżultat ta' "imperfect combustion", ċjoè bil-"carbon monoxide";

Intqal fil-kors tal-argumenti — dak li hemm, del resto, fl-avviż eżibit fil-proċess fol. 61, maħruġ mil-Butan Gas Co. — illi l-"butan gas" huwa "non-poisonous". Dan, però, hu veru biss fis-sens li "leakage" ta' "butan gas", sakemm il-gas ma hux mixgħul, ma tipproduċix "carbon monoxide". Imma anki mhux mixgħul, il-"butan gas" hu dejjem narkotiku, u "leakage" tiegħu, anki mhux mixgħul, jista' jkollha effetti fatali. Meta, imbgħad, jiġi mixgħul per eżempju tiġi mixgħula l-fjamma tal-"geyser" kommunikat miegħu, allura, jekk ikun hemm, minħabba nuqqas ta' ossiġenu, "imperfect combustion", mhux biss il-"coal-gas", imma anki l-"butan gas", jista' jiġġenera l-"carbon monoxide" b'effetti fatali, bħal ma ġara f'dan il-każ;

Ma ġiex pruvat li kien hemm f'dan il-flat xi "leakages" oħra ta' gas li setgħu jiġġeneraw il-"carbon monoxide". Il-fatt li d-difiża pprospettat is-sempliċi possibilità tagħhom ma hux biżżejjed. Jirriżulta, hu veru, li tant il-mejta kemm uliedha kienu jilmentaw minn rieħa ta' gas fil-flat, u li kienu jqumu b'uġigħ ta' ras; dan jista' jfisser biss, verosimilment, li kien ikun hemm din ir-rieħa meta jintuża l-"geyser". Ditchburn kienet ilha inkwilina tal-flat biss minn xi sitt ijiem qabel ma mietet, u f'dawk il-ftit ġranet kienet ġa qegħedha tissuspetta l-geyser, kif turi x-xhieda tal-ħabiba tagħha Clarice Czilinsky. B'dik ir-rieħa ta' gas fil-flat it-tfal ma ġralhom xejn, għax il-kondizzjonijiet kienu diversi minn dawk ta' fjamma mixgħula fl-ispazju żgħir għal min ikun fil-kamra tal-banju;

Kwantu għat-tieni (2) motiv;

Il-fatt li f'ħafna każijiet oħra "flue pipe" ma saretx ma jistgħax jiskrimina lill-appellant, imma jista' biss iservi ta' twissija lil min ma għandux "flue pipe" mal-"geyser" biex ifittex jagħmilha, biex jevita dak li ġara f'dan il-każ;

Kwantu għat-tielet (3) motiv;

L-inkariku mogħti mis-sid lill-appellant kien li jinstalla "geyser", li kellu jiġi provvdut, kif fil-fatt ġie provvdut (ara dok. C fol. 39), mill-appellant. Is-sid ma għamel ebda limitazzjoni fl-inkariku li ta lill-appellant. Il-fatt li ma qallux biex jagħmel "flue pipe" ma jfisser xejn; għax x'għandu jagħmel jew ma jagħmelx hija ħaġa li għandu jaraha min jippreżenta ruħu bħala espert biex jagħmel ħaġa li tirrikjedi xogħol tekniku, u għalhekk "spondet peritiam suam". Fatt però, li s-sid ma għamillux ebda limitazzjoni. Anzi jista' jingħad li, anki kieku s-sid għamillu xi limitazzjoni, kien dover tal-appellant, li kien missu jaf x'perikolu jippreżenta "geyser" bla "flue pipe", li jirreżisti dik il-limitazzjoni, u, jekk is-sid jinsisti, ma jinkarikax ruħu affattu

(ara f'dan is-sens deċiż. App. Inferjuri "Vella vs. Agius", 7 ta' April 1923, fejn hemm ċitata l-awtorità tal-Vitalevi);

Hu ovvju li, meta wieħed jimpjega lil bniedem tas-sengħa biex jagħmillu ċertu xogħol, hu jkun qiegħed jaffida ruħu għall-kapaċità tiegħu; u hemm għalhekk kondizzjoni implicita li x-xogħol isir kif għandu jsir, ċjoè skond is-sengħa u b'mod li ma jagħmelx ħsara. L-appellant, la mar jara x-xogħol li għamel il-lavrant tiegħu, la ħaseb biex jistruwixxi lill-lavrant biex jagħmel anki l-"flue pipe", u lanqas ma rrakkomanda bl-ebda mod lis-sid jew lill-inkwilin li ssir din il-"flue pipe". Seta' jkun, talvolta, divers il-każ kieku l-appellant qal lill-lavrant biex jagħmel il-"flue pipe" u dan ma għamilhiex, għalkemm anki f'dan il-każ kien jibqa' dejjem l-obligu tiegħu li jaċċerta ruħu li l-"flue pipe" saret. Seta' jkun ukoll divers il-każ kieku l-appellant avża lis-sid jew lill-inkwilin biex jagħmel il-"flue pipe" għand landier, jekk ma kienx preparat jagħmilha hu, u kieku avvertiħom biex ma jintużax il-"geyser" qabel ma tiġi poġġuta l-"flue pipe";

Kwantu għar-raba' (4) motiv;

Hu veru li mal-"geyser" kien hemm inwaħħlin l-"instructions" għall-installazzjoni tal-"geyser", provvduti dawn l-"instructions" mid-ditta manufattriċi "Ewart & Son Ltd.". F'dawn l-"instructions" jingħad li l-"geyser" għandu jkollu din il-"flue pipe" għall-ventilazzjoni. "The No. 30 geyser must be connected with an efficient flue......" Dawn l-"instructions" aktarx jaggravaw il-kondizzjoni tal-appellant milli jiskaġunawħ. Is-sid kien inkarika lill-appellant; u għalhekk għall-installazzjoni tal-geyser l-appellant kien dak li kellu l-obligu li jaqra l-"instructions" biex jeżegwixxi l-inkariku tiegħu sewwa. Dippjù, l-appellant kellu anki jipprovdi l-"geyser", u l-"instructions" tad-ditta kienu ma' dak il-"geyser". "Ergo", l-appellant kellu l-obligu ndubitat li jinstalla l-"geyser" skond dawk l-"instructions", fejn kien

hemm fihom impost bħala "sine qua non" għas-"safety" (infatti hemm il-kelma "must") it-tqegħid tal-"flue pipe";

Kwantu, mbgħad, għall-inkwilin, l-appellant donnu jrid isostni li, ġaladarba kien hemm l-"instructions" imwaħħlin mal-"geyser", allura Audrey Ditchburn setgħet qrathom u ttendiet bin-nuqqas tal-"flue pipe". L-appellant donnu, għalhekk, irid jinvoka bħala dirimenti tar-responsabilità tiegħu l-massima "volenti et consentienti non fit injuria" — "injuria" ċjoè fis-sens tagħha klassiku ta' "dannu". Iżda dan hu għal kollox inammissibbli; għaliex dik il-massima tapplika meta bniedem ikun konxju minn perikolu u ntant iqiegħed ruħu fih, mentri f'dan il-każ, Ditchburn ma qegħdet ruħha f'ebda sitwazzjoni perikoluża, iżda marret biex tieħu banju bħal ma jsir is-soltu, u ma kellha ebda raġuni tissupponi li l-"geyser" ma kienx kif kien imissu jkun;

Kwantu għall-ħames (5) motiv;

Dan hu nkontrat bl-osservazzjonijiet magħmula fuq għar-rigward tar-raba' motiv;

Kwantu għas-sitt (6) motiv;

Li, ċjoè, il-"flue pipe" issir mhux mill-"plumber", imma mill-landier, dan il-pont ma jiswiex lill-appellant; għaliex, kif fuq spjegat, l-inkariku tiegħu kien li jikkolloka l-"geyser Ewart" skond is-sengħa, u kwindu kellu anki jieħu ħsieb jagħmel il-"flue pipe", sija jekk jagħmilha hu stess, sija jekk jordnaha għand landier. Mbgħad, li fil-kont taxxogħol tiegħu hemm biss addebitata l-ispiża ta' 15s., u li din l-ispiża kienet tkun aktar, b'xi £2 jew £2.10.0, kieku ġiet magħmula fl-"flue pipe", il-kwistjoni ma titbiddelx b'daqshekk; għaliex, ladarba skond is-sengħa hu kellu jagħmel il-"flue pipe", kien imissu għamilha, sew hu stess kemm per mezz ta' landier, u jinkludi fil-kont l-ispiża relativa. Imma, kif ingħad, l-appellant lanqas biss ħa ħsieb

jirrakkomanda li ssir il-"flue pipe", u l-"instructions" lanqas qrahom;

Kwantu għas-sebgħa (7) motiv;

Hi massima ta' dritt li "imperitia culpa adnumeratur". Issa, hu veru li għandu jkun hemm distinzjoni fil-grad ta' negliġenza li jinħtieġ li jkun hemm biex tista' tiġi addebitata l-"colpa" fiċ-ċivil u fil-kriminal. Għall-imputabilità kriminali jeħtieġ grad akbar ta' kolpa minn dik li ġġib responsabilità ċivili għad-danni. Jeħtieġ li jkun hemm "gross and culpable negligence" li tammonta għal "criminal misconduct" (ara Harris & Wilshere, Crim. Law, pp. 20-21). Issa, f'dan il-każ, l-appellant ma setgħax ma jkunx jaf li hu kien qiegħed jikkolloka apparat li fih ikun hemm perikolu potenzjali fin-nuqqas ta' ċerti kawteli. Bħala bniedem tas-sengħa, kien hu li kellu jara li dawn il-kawteli jkunu hemm biex jovvjaw għal dak il-perikolu. Intant hu qiegħed il-"geyser" per mezz tal-lavrant, ma tah ebda instruzzjoni biex iqiegħed il-"flue pipe", ma tax każ tal-"instructions", u lanqas biss ma wissa lis-sid jew lill-inkwilin dwar x'seta' jiġri jekk il-"geyser" jibqa' bla "flue pipe". Dan jammonta għal dak il-grad ta' negliġenza li jikkostitwixxi "recklessness", u li hu għalhekk "criminal misconduct";

L-appellant, għalhekk, għandu jirrispondi għall-addebitu lilu magħmul fl-imputazzjoni;

Din il-Qorti tħoss li għandha żżid dawn l-osservazzjonijiet. Il-Maġistrat, għar-raġunijiet imsemmija fis-sentenza appellata, ta lill-appellant il-beneficċju tal-liberazzjoni kondizzjonali. Din il-Qorti, trattandosi ta' appell tal-imputat, ma tistgħax taggrava l-pożizzjoni tal-imputat kwantu għall-piena, u kwindi ma hux kompitu tagħha li tgħid jekk tikkondividix jew le dawk ir-raġunijiet. B'dan kollu, tħoss li għandha tgħid li, issa li kien hemm sfortunatament dan il-każ f'Malta, u xi ieħor ukoll, li servew biex jiftħu għajnejn kull ħadd, dawk li talvolta jonqsu fil-futur milli jagħm-

lu dak li jeħtieġ fit-tqegħid ta' dawn il-"geysers" ma jkunux ġustifikati li jistennew mill-Qrati l-istess lenjenza;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.